# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur DR. Leontine Calleja LL.D**

Udjenza nhar, 26 ta' Marzu, 2025

Avviz tat-Talba numru: 47/2023 CL

**Argus Insurance Company (Europe) Limited (OC1216) u Sirage Fathi Abushkewa (KI nru: 0357697M)**

**VERSUS**

**Infrastructure Malta**

**U**

**B.Grima and Sons Limited (C34602)**

Ra t-talba li giet ipprezentat fis-6 ta' Frar 2023 fejn wara li r-rikorrenti Sirage Fathi Abushkewa, li kien assikurat mas-socjeta rikorrenti, kien qieghed jsuq il-vettura tieghu, bin-numru KCF 684 fil-bypass tal-Mgarr, Triq Sir Temi Zammit il-vettura tieghu intlaqtet b'zebgha minn haddiema tal-intimati jew min minnhom li kienu qeghdin jizbghu it-triq. Kopja tar-rapport Dok A. Id-danni sofferti konsegwenza ta' dan l-incident jammontaw ghal tlett elef mija u erbgha u ghoxrin euri u disgha u sebghin centezmu (€3,124.79) skond survey report u rcevuti Dok B u Dok C.Illi l-intimati gew interpellati ghal-likwidazzjoni tad-danni permezz tal-ittra datata 15 ta' Dicembru 2022 bin-numru 3286/22 Dok D. Ghalhekk talbu sabiex l-intimati jew min minnhim jigu iddikjarati debituri tar-rikorrenti fl-ammont ta' €3,124.79 u ordnati jhalsu lir-rikorrenti s-somma ta' €3,124.79 flimkien mal-ispejjez inkluz tal-ittra ufficjali bin-numru 3285/22.

Ra r-risposta ta' B. Grima &Sons Ltd fejn iddikjaraw illi t-talbiet fil-konfront taghhom huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandom jigu michuda bl-ispejjez kontra r-rikorrenti ghax ghalkemm huma kienu

responsabbli miz-zebgha tal-cycle lane waqt illi kienu qeghdin jwettqu dan ix-xoghol ma kellhom ebda lment dwar xi hsarat hekk kif gie allegat u kien biss xhur wara li intalab il-pagament ghall-allegat hsara. Dak in-nhar, kif ikkonferma l-istess rikorrenti flok waqaf baqa' sejjer biex jahsel iz-zebgha bl-ilma. Illi waqt ix-xoghol, jkun hemm prezenti ufficjali tat-Transport Malta biex jidderigu t-traffiku kif ukoll cones u ghalhekk huwa difficli li hadd ma nduna b'xejn tenut kont li si tratta ta' kwantita' kbira ta' zebgha. Li seta' gara hu li waqt illi r-rikorrenti kien niezel lejn l-Mgarr dahal fiz-zona li ma kinitx miftuha ghat-traffiku, propju l-cycle lane li tkun ghadha kemm inzebhet u ma nixfitx u x'hin rifisha tajjar iz-zebgha bir-roti man-naha tax-xellug tal-vettura.Wara li saq fuq iz-zebgha mar ghand il-car wash u kif ra l-izball illi ghamel mar jaghmel rapport. In oltre fit-talba jghid illi l-incident sehh fis-26 ta' Mejju 2022 u sar ir-rapport dakinhar stess izda kien hemm trapass sa Settembru 2022 meta gie mahrug ir-rapport ,ingibdu r-ritratti u sar l-inspection da parti tas-surveyor u l-fattura inharget f'Novembru 2022.

Ra r-risposta ta' Infrastructure Malta fejn eccepiet illi ma setghetx tigi ikkunsidrata bhala il-legittima kuntradittur stante li l-allegati danni gew ikkawzati mill-haddiema tal-kuntrattur u ghalhekk saret referenza ghar-Regolament 36, tal-Ligi Sussidjarja 499.57. It-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u l-attur jrid jipprova s-somma minnu pretiza hija dovuta u jgib l-ahjar prova taghha u ma ghandh jaghti xejn lill-attur. Salv eccezzjonijiet ohra.

Fil-25 ta' April 2023 xehed Reuben Attard[1] li huwa claim's handler mas-socjeta attrici li ikkonferma illi Sirage Fathi Abushkewa huwa s-sid tal-vettura KCF 684 u l-karozza kienet assikurata *fully comprehensve* ma' Argus Insurance dakinhar tal-incident. Abushkewa kien fetah claim u hallas €175 bhala excess lil MY365 li hija intermediary li tbieg l-assikurazzjoni immarkati Dok RA1 u RA2 u wara huma ghaddewha lilu u hu jipprocessa d-dokumenti. Hu jidhol biss fil-kwantifikazzjoni u mhux f'min hu responsabbli. Hu kien irraporta illi l-policy holder kien qieghed jsuq u innota xi zebgha hadra li ma setghetx tinqala u b'hekk kienu ghamlu survey report biex jaraw il-hsara fuq il-vettura, li ikkonferma li kienet dik a foll. 6 sa 32 maghmul minn Walter Vella. Saru tiswijiet fuq il-genb tax-xellug u quddiem u kellhom jordnaw xi parts u l-karozza kellha tigi resprayed ghaz iz-zebgha qala' l-lacquer. Dok C a foll-33 sa 36 huma ircevuti li thalsu minn Argus Insurance Europe Company Limited lil Michael Debono Ltd fejn sar it-tiswijiet fuq il-body, labour,

[1] Foll.59

paint work u panel beating Il- parts gew ordnati minghand Gasan. Skond il-policy huma kienu marbutin li meta persuna jressaq claim form huwa jridu jonorawh. It-team leader John Camilleri jezamina l-kaz u jara minn hu responsabbli. Spejga li l-incident sehh fis-26 ta' Mejju 2022 izda ma setax jghid ghalfejn dam xi erba' xhur biex sar il-claim form ghax il-klijent ma kienx mar dirett ghandhom imma ghand kumpanija li wara tghaddi d-dokumenti lilhom.

Xehed l-attur Sirage Fathi [2]Abushkewa illi fis-26 ta' Mejju 2020 kien qieghed jsuq fil-bypass mill-Mgarr ghal Mosta u kif qabez ir-roundabout iz-zghira kien hemm trakk u il-haddiema bil *hi visibility vest* jizbghhu l-cycle lane tan-naha tax-xellug bl-ahdar bil-magna u ma kinex hemm cones. Kif ghada minn hedjhom sema' tqattir mal-genb tal-karozza tieghu u kif hares fil-mera ra li l-genb mizbugh ahdar. Gie muri r-ritratti li hemm mas-survey report fejn tidher il-genb mizbugh a fol 9, il-parti ta' quddiem a foll-10, il-parti ta' quddiem u foll 15 tidher it-tieqa tal-passigier, il-bieba u l-mera. Hu waqaf mal-genb biex jara u ma setax jirriversja u b'hekk mar fl-ewwel carwash tal-Mosta u prova jahsilha bil-powerwash u kif mess l-ilma maghha iz-zebgha bdiet titqaxxar. Hu mar l-ghassa u l-pulizija hareg jispezzjona l-karozza u fetah rapport u tah il-verzjoni tieghu li ikkomferma li kienet tinsab a foll 2. Hu ghamel kuntatt mal-broker My365 fejn kien assikurat mal-Argus fully comprehensive u ghal-ewwel kienu qalulu biex jistena biex jara kienux ser jifthu kawza min-naha taghhom u kif ma sar xejn mar jiftah il-claim Dok RA1 u hallas excess ta' €175 Dok RA2. Il-vettura issewiet u t-tiswijiet thalsu minn Argus. Fil-kontro ezami qal illi hu kien fetah il-claim wara erba' xhur ma' Jessica ta' MY365 ghax meta mar l-ewwel darba kien kellem lill haddiehor li qallu biex jistenna biex jaraw jekk l-Infrastructure Malta jirrispondu. Il-karozza damet aktar minn erba' xhur biex tissewwa ghax kellu jistenna l-parts. Ikkonferma li kif fetah il-powerwash u l-ilma mess mal-karozza. giet bajda ghax inqala' z-zebgha tal-karozza maz-zebgha hadra.

Fis-6 ta' Gunju 2023 xehed Walter Vella[3] li huwa surveyor ma' Argus Insurance li ikkonferma r-rapport li hemm minn foll.9 sa foll.32 li sar fuq vettura Mazda 2 li kellu zebgha kulur ahdar mal-genb shih li kienet zebgha iebsa hafna. Kien hemm zebgha mal-fanal ta' quddiem u ta' wara ukoll u ghamlulhom clear coat jigifieri xkatlawhom u sprejawhom. Certu plastics kellom jinbidlu ghax z-zebgha ma setax jinqala' minn mal-platsic. Kienu tkelmu ukoll ma'

---

[2] Foll. 62
[3] Foll. 73

tal-Toyota minghalih biex jara setghux jixkatlaw z-zebgha imma meta ipprovaw bicca baqghu l-marki fuq iz-zebgha. Fil-fatt kellhom jaghmli xoghol ta' spray fuq in-naha tax-xellug kollu imma ma kienx cert jekk kienx hemm xi bicciet mis-saqaf ukoll. Kien hemm 8 sieghat ta' xoghol li ammonataw ghal €280 ghal izarmar u xkatlar, jiksu l-karozza jzarmaw l-affarijiet qabel ma jisprejjaw u wara kien hemm ix-xoghol taz-zebgha li ammonta ghal €1,298.50. Il-materjal taz-zebgha li huwa €293.94 minghajr vat. Dan is-survey kien minghajr il-parts. Gieli jkun hemm xi differenza bejn is-survey u l-ammont mhallas ghax jista' jkun jidhol aktar hin milli jkun anticipat. Fil-kontro ezami jikkonferma li l-ewwel darba li ra l-karozza kienet fl-20 ta' Settembru 2022 u ma kienx infurmat li z-zebgha kienet ilha hemm minn Mejju ghax xogholu hu biss li jara l-hsarat.

Xehed Miguel Calleja[4] li kien passigier fuq quddiem fil-vettura flimkiem ma' Sirage Abushkewa fis-26 t'a Mejju 2022 waqt illi kienu ghadejjin mill-bypass mill-Mgarr ghal Mosta. Kien hemm nies qeghdin jahdmu qishom qeghdin jizbhu xi cycle lane bis-spray gun u kif qabzuhom ra marki mal-hgieg u semghu hoss. X'hin siehbu ittawwal mill-mera ra li kien hemm xi haga stramba u waqfu mal-genb biex jittawlu u sabu minn quddiem sa wara tan-naha tax-xellug bl-ispray ahdar, b'fuq u isfel u anke r-rimmijiet. Marru l-pompa tal-Mosta u kif fetah il-powerwash iz-zebgha tal-karozza bdiet tinqala' maz-zebgha l-hadra u waqaf. Ikkonferma li r-ritratti a foll 9 ssa 32 juru l-istat tal-karozza dakinhar.Fil-kontro ezami jghid illi kif waqfu u raw iz-zebgha ma kellmux lil haddiema ghax t-triq kien busy u ma setghux jdawru u wara marru biex jaraw kienux hemm imma kienu lehqu telqu u marru ghandi il-pulizija.

Xehed PC Matthew Buhagiar[5] li kien mar il-kwerelant Sirage Fathi biex jaghmel rapport li waqt illi kien ghaddej fil-bypass tal-Mgarr innota lil haddiema tal-Infrastructure Malta jizbghu l-cycle lane hadra u waqt illi kienu qeghdin jisprejjaw laqtulu l-karozza. Hu kien ipprova jahsilha imma z-zebgha baqghet hemm, kien indikalu lil Miguel Calleja bhala xhud. Hu ra l-vettura bit-tikkek hodor u kien cempel lill Infrastructure Malta li kellhom jaghmlu kuntatt mal-Perit Rebecca Grech li kienet qieghda tiehu hsieb il-progett, izda hadd ma kien kelmu wara dakinhar. Ikkonferma r-rapport li gie pprezentat u mmarkat Dok MB1.

[4] Foll. 79
[5] Foll. 89

Fis-17 ta' April 2024 xehed Jeffrey Sciberras[6] li jahdem ma' Body Shop fejn jsewwu u jisprejjaw il-karozzi u ikkonferma l-invoices a foll.33 tal-process. Hu spejga li l-karozza kienet mimlija zebgha u huma zebghu il-bonnet u kwazi l-karozza kollha u kellu lista ta' parts li gew mibdulin. JS1 u JS2 juri job sheet u min hadem fuq il-karozza, l-parts li ingabru mill-insurance JS3.L-Argus kien halsuhom tax-xoghol. Fil-kontro ezami jghid li Michael Debono Ltd huwa l-agent tat-Toyota izda huma kienu jsewwu kull tip ta' karozzl. L-agent tal-Mazda kienu Gasan u fil-fatt il-parts minn hemm inxtraw. Il-karozza dahlet ghat-tiswija fid-19 ta' Dicembru 2022. Joseph Borg xehed[7] li huwa jahdem ma' Gasan u huma kienu jaghmlu l-istimi tal-parts li jibghatulhom l-insurance u jordnawhom. Hu ikkonferma l-invoice a foll 34,35 u 36 li jigu ordnati abbazi tas-survey report. F'dal-kaz Argus Insurance kienu bghatulhom s-survey report u wara li bghatulhom l-istima ordnaw il-parts li kienu jinkludu mouldings, cover, tape xibka u mera. Dawn kienu thalsu minn Argus.

Giet ipprezentata l-affidavit tal-Perit Rebecca Grech[8] li kienet ilha tahdem mal-Agenzija Infrastructure Malta mill-2020. F'Mejju 2022 l-Agenzija kienet qieghda taghmel xogholijiet fil-bypass tal-Mgarr li gew ezegwiti mill-kutrattur B. Grima & Sons Ltd. Fis-26 ta' Mejju 2022 il-kuntrattur kien qieghed jizboh l-karregjat ghar-roti b'zebgha ta' lewn ahdar u fejn jkunu qeghdin jahdmu tkun immarkata bit-traffic cones. Hi ghamlet referenza ghal reg. 36 tal-LS 499.57 Regolamenti Dwar Toroq Godda u Xogholijiet f'Toroq li tghid illi kutrattur lijkun qieghed jaghmel xi xoghol fit-triq ghandu jikkumpensa lill-partijiet terzi ghal xi hsarat, ghalkemm din ma testendix ghal hsara li tkun attribwita ghal negligenza mill-persuna li soffriet il-hsara.Fil-kontro ezami tghid illi dakinhar ma kinintx on site ghalkemm kienet tmur spiss u waqt illi jkun ghaddej ix-xoghol jkun hemm hemm tat-Transport Malta. Saret taf bl-incident xhur wara mil-legal unit taghhom. Ix-xoghol kien qieghed jsit fuq il-cycle lane ghalhekk dan seta' jsir bit-traffiku ghaddej u ntalbet l-assistenza tat-Transport Malta. Waqt illi l-kuntrattur jkun ghaddej bix-xoghol jkollu l-ewwel l-cones u wara l-makkinarjju taghhom stess li jkunu qieghed jilqghu z-zona fejn jkunu qeghdin jahdmu bhala part minn traffic management u kien hemm l-ufficjal tat-Transport Malta. Dak in-nhar ma setghetx tikkonferma li kien hemm dawn l-affarijiet imma kull

[6] Foll 124
[7] Foll. 129 u 136
[8] Foll. 139

meta marret il-kuntrattur dejjem kellu dawn l-affarijiet, ghax huma r-responsabbilita' tal-kuntrattur.

Xehed George Cassar[9] li huwa ufficjal mat-Transport Malta u xogholu kien fit-toroq mal-kuntratturi biex jiehu hsieb it-trafiku u l-haddiema waqt ix-xoghol u jmur skond fejn jibghatu l-imghallem tieghu.Xi sentejn ilu kien mal-kuntrattur B. Grima &Sons waqt illi kienu qeghdin jizbhu l-linji u hu jmexxi t-trafikku fuq barra. Jkun hemm il-vann tal-kuntrattur ipparkjat fuq in-naha ta' gewwa.Hu kien l-uniku ufficjal ta' Transport Mata u kiem hadem ghal xi tlett ijiiem f'dik it-triq li baqghet miftuha ghat-traffiku izda jaghmel xi bullards u johrog il-karozza l-barra. Ma jiftakarx li kien hemm xi incident jew ilment ghax xoghol u illum l-ewwel darba li saqsieh xi hadd dwar xi incidnet.

Giet ipprezentata l-affidavit ta' Adam Grima[10] li huwa wiehed mis-sidien u direttur ta' B.Grima & Sons Ltd li jipprovdu servizzi ta' road marking fit-toroq regolarlment ghal Infrastructure Malta u Kunsilli Lokali. Fl-ahhar ta' Mejju 2022 kienu qeghdin jaghmlu xoghol ta' roadmarking fil cycling lanes ghal Infrastructure Malta fil-Bypass tal-Mgarr direzzjoni Mosta fejn it-triq baqghet miftuha ghat-traffiku, Hu ma kienx fuq il-post izda kien hemm huh Joshua Grima mal-lavranti u ma kien hemm ebda rapport ta' incident u kien biss xhur wara li sar jaf li kien hemm xi claim. Ix-xoghol mexa normali taht il-Perit Rebecca Grech ta' Infrastructure Malta bit-traffic management immexxi minn ufficjali ta' Transport Malta. Huma ma setghux jinvolvu l-insurance taghhom ghax kien ghada z-zmien.IX-xufier bilfors hareg milll-karreggjata u rifes parti mil cycle lane fejn kien tlesta x-xoghol u li kien proptett bil-cones sakemm tinxef iz-zebgha ghax il-process taz-zebgha jsir fid-direzzjoni kontra t-traffiku.Wara li rifes iz-zebgha mar fi-car wash li kien zball iehor. Fil-kontro ezami hu ikkonferma li hadd ma avvicinhom wara l-incident u jekk xi x-xufier rifes iz-zebgha tac-cycle lane kif jidher fir-ritratt li anke ir-rimmijiiet kienu biz-zebgha, ma kinitx tkun problema taghhom. Il-cones gieli intlaqtu mill-karozzi jew jintlaqtu mir-rih allura din m'hiex indikazzjoni ta' incident izda hadd ma irrimarka li xi hadd laqghat ic-cycle lane. Cycle lane fiha 1.2 metru u tyre ta' karozza fiha 10cms u jekk ghada minn fuqha hija negligenza tieghu.Hu ma kienx jaf illi r-rapport lil pulizija sar dak in-nhar tal-incident ghax hadd ma ghamel kuntatt maghhom qabel erba' xhur wara.

---

[9] Foll. 146
[10] Foll 152

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet fid-29 ta' Jannar 2025.

Wara li semghet ix-xhieda, rat id-dokumenti, u semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet, it-Tribunal ikkonsidra illi t-talba f'din il-kawza hija dwar hsarat ikkagunati fil-genb tal-vettura tar-rikorrenti li tidher li intlaqghtet minn zebgha hadra f'parti kbira tal-karozza u mhux sempliciment ftit taqtir. Mix-xhieda li instemghu u l-provi inkluz ir-ritratti iz-zebgha hija aktar verosimili ghal-zebgha li inhareg minn xi magna tas-spray milli zebgha li seta' rifes is-sewwieq li kienet ghadha ma nixfitx. Illi ghal dawn ix-xogholijiet kien responsabbli l-kuntrattur li gie inkarigat biex jaghmel ix-xogholijiet minn Infrastructure Malta.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jilqa l-eccezzjonijiet ta' Infrastructure Malta, jilqa' t-talba tas-socjeta attrici limitament fil-konfront tas-socjeta konvenuta B.Grima & Sons Ltd u tiddikjara lil-istess B. Grima & Sons Ltd responsabbli ghad-danni sofferti u jikkundana lil-istess socjeta konvenuta B. Grima & Sons Ltd thallas is-somma ta tlett elef mija u erbgha u ghoxrin euro u disgha u sebghin centezmu (€3,124.79) Lir-rikorrenti rapprezentanti danni ikkagunati fil-vettura, bl-ispejjez tat-talba kif ukoll tal-ittra ufficjali msemmija u bl-imghax mill-15 ta' Jannar 2022[11] sal-hlas shih. L-ispejjez tas-socjeta konvenuta Infrastructure Malta jithalsu mill-atturi.

**Avukat, Leontine Calleja LL.D.**

**GUDIKATUR**

[11] Data ta' meta gietipprezentata l-ittra ufficjali li giet ipprezentata u tinsab a foll. 37